# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 18 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 523/2024JPG**

**Kawza nru.: 19**

**AV**

**vs**

**JB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici datat 22 t'Ottubru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti żżewġet lill-intimat JB fit-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fil-Knisja tas-Salib Imqaddes, Ħaż-Żabbar, liema żwieġ huwa debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2163/2005; dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li qiegħed jiġi hawn anness bħala Dok. A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, li jisimha A, u dan fl-X.*
*Illi l-kontendenti ilhom legalment separati mit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef; kopja ta' liema kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok. B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-*

*kontendenti.*
*Illi m'hemmx kwistjonijiet bejn il-kontendenti fir-rigward ta' manteniment.*

*Illi r-rikorrenti u l-intimat huma t-tnejn domiċiljati Malta u t-tnejn li huma kellhom ir-residenza ordinarja tagħhom f'Malta matul il-perjodu ta' sena qabel ma saret din it-talba għad-divorzju.*

*Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha neċessarji skont il-liġi sabiex jiġi dikjarat il-ħall taż-żwieġ tal-kontendenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, għar-raġunijet hawn fuq premessi, umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfehn u ħamsa (2005).*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex entro terminu qasir u perentorju prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju pronunzjat bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku fuq l-att taż-zwieġ bin-numru 2163/2005,*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat gie spjegat lilu d-drittijiet legali tieghu izda hu wiegeb li ma jehtiegx assistenza legali u mhux qed jopponi ghad-divorzju.

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ntavola ebda risposta izda xehed fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2025; (Vide Fol 28)

.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Fir-rikors guramentat taghha (Vide Fol 1 et seq.) l-attrici kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 2005 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Iddikjarat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 30 ta' Novembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Bartolomeo Micallef; Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

L-intimat xehed (vide Fol 28 ) u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 2005 liema zwieg jgib certifikat numru 2163/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Bartolomeo Micallef datat 30 ta' Novembru 2015 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2163/2005, u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**